MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 91/2014

**Executive Services Limited (C6533)**

**Vs**

**Justin Attard ( K.I. 176886M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' esponenti tesponi bir-rispett:

Illi hija kreditrici tal-intimat fl-ammont ta' hames mija u dsatax-il ewro u ghoxrin centezmu (€519.20c) rapprezentanti uzu ta' servizz ta' riklamar prodott mis-Socjeta' esponenti fuq ordni tal-intimat f'rivista lokali, u dan kif jidher mill-fattura annessa u mmarkata bhala dok 'A';

Illi ghalkemm l-intimat gie formalment interpellat permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 2551/13 datata 29 t'Ottubru, 2013 (Dok B), huwa xorta wahda baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant is-Socjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara l-intimat bhala debitur fis-somma ta' hames mija u dsatax-il ewro u ghoxrin centezmu (€519.20c).

2. Tordna lil intimat ihallas l-ammont dovut.

Bl-ispejjez kollha nkluzi l-ittra ufficjali u l-interessi legali kollha.

Ra mill-atti illi l-intimat baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-8 t' Ottubru, 2014 mill-Avukata Dr Kristine M. Borg u l-fatt li l-intimat naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-intimat naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' esponenti fl-ammont ta' hames mija u dsatax-il ewro u ghoxrin centezmu (€519.20c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------